MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 1837/2004/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Vella Group Limited u John Mary Vella**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Jannar, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-talba li bih il-korporazzjoni attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' sitt mija w erbghin lira Maltin (Lm640) rapprezentanti danni li sehhew fil-5 ta' Settembru, 2002 f'*cable* tad-dawl proprjeta' tal-korporazzjoni attrici li jinsab f'St Mary Street, Hal Ghaxaq liema danni sehhew waqt li l-konvenuti kienu qieghdin

jaghmlu xoghol ta' skavar fl-istess triq. Gie allegat li l-hsarat gew ikkawzati b'rizultat ta' imperizja u traskuragni tal-konvenuti tant li dawn lanqas ma kkonsultaw mal-korporazzjoni attrici biex tindikalhom fejn kienu sitwati l-*cables* taghha.

Ra r-Risposta ta' Vella Group Limited li biha wiegbet preliminarjament li t-talbiet tal-korporazzjoni attrici huma preskritti a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili u fil-mertu l-allegazzjonijiet u t-talbiet tal-korporazzjoni attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' Vella Group Limited m'hijiex responsabbli ghall-hsarat allegati mill-korporazzjoni kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza.

Ra r-Risposta ta' John Mary sive Jimmy Vella li biha wiegeb illi preliminarjament il-konvenut John Mary Vella m'huwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza stante li ma kienx hu li ghamel ix-xoghlijiet in kwistjoni liema xoghlijiet saru mis-socjeta' minnu rapprezentata Vella Group Limited. Illi preliminarjament ukoll it-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Illi fil-mertu t-talbiet tal-korporazzjoni attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-allegati hsarat ma sarux mill-konvenut u lanqas ma kienu rizultat ta' imperizja jew traskuragni tal-konvenut.

Sema' x-xhieda ta' Karl Galea, Joseph Formosa, PS 359 Carmelo Abdilla, Mark Camilleri, Joe Chircop u ta' John Mary sive Jimmy Vella.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Karl Briffa ghall-korporazzjoni attrici u ta' Dr Nicolai Vella Falzon ghall-konvenuti.

Ikkunsidra

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fil-5 ta' Settembru, 2002 sehh incident li fih intlaqat *cable* ta' l-elettriku li kien jinsab taht Triq Santa Marija, Hal Ghaxaq u li b'rizultat ta' dan saru l-hsarat mertu tal-kawza odjerna.

Mill-provi jirrizulta wkoll illi dakinhar ta' l-incident la l-konvenut personali u lanqas xi kumpanija minnu rapprezentata ma kellha permess sabiex taghmel tali xoghlijiet stante illi fil-fatt il-permess hareg b'effett mis-7 ta' Settembru, 2002, jigifieri jumejn wara li sar l-incident in kwistjoni.

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni fuq il-*quantum* tad-danni u lanqas fuq il-fatt li sehh l-incident. Il-kwistjoni li giet trattata u li giet dibattuta f'din il-kawza hija min ghamel tali hsarat u jekk minn dakinhar li sar l-incident, jekk din l-azzjoni hijiex preskritta jew le. L-atturi ressqu l-provi biex jippruvaw juru li fil-fatt ix-xoghol ta' skavar jigifieri x-xoghol bit-trencher kien qed isir minn John Mary sive Jimmy Vella personalment izda t-Tribunal m'huwiex konvint dwar dan. Ghalkemm xehed Mark Camilleri, dakinhar ta' l-incident Jimmy Vella kien qed jaghmel ix-xoghlijiet huwa nnifsu, mill-provi prodotti jirrizulta illi aktarx ma kienx hu personali li kien qed jaghmel ix-xoghlijiet izda xi hadd inkarigat mill-kumpanija tieghu.

Illi inoltre, ghar-rigward ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jirrizulta ghal kull buon fini illi l-konvenut proprju gie notifikat permezz ta' Ittra Ufficjali li giet ipprezentata fl-10 ta' Gunju, 2004 u li l-konvenut gie debitament notifikat u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tieghu qieghda tigi respinta izda ghandha tigi respinta wkoll l-azzjoni fil-konfront tieghu fil-mertu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fil-fatt ix-xoghlijiet in kwistjoni kienu qieghdin isiru mill-kumpanija konvenuta u cjoe' Vella Group Limited u dan minkejja li dakinhar ta' l-incident kien qed jintuza trencher li fuqu kien hemm sticker li tghid J Vella Limited. Mill-atti esebiti jirrizulta li fil-fatt hemm kumpanija li jisimha Jimmy Vella Limited bin-numru ta' registrazzjoni C-12556 u x-*shares* taghhom jappartjenu kwantu ghal mija u disgha w erbghin elf disa' mija u hamsa u disghin (149,995) lil John Mary sive Jimmy Vella u kwantu ghal hames (5) *ordinary shares* lil Vella Group Limited.

Ghar-rigward ta' Vella Group Limited imbaghad insibu li x-*shares* taghha jappartjenu kwantu ghal disgha u disghin elf (99,000) lil Jimmy Vella Limited u wiehed u tmenin elf (81,000) lil John Mary sive Jimmy Vella.

Mill-premess wiehed ma jistax jghid liema hija l-principali u liema hija sussidjarja miz-zewg kumpaniji billi t-tnejn jidhru li huma principali u sussidjarji ta' xulxin jekk dan jista' qatt ikun.

B'danakollu, ghal fini ta' din il-kawza, l-unika kumpanija li hija nvoluta f'din il-kawza hija l-kumpanija Vella Group Limited u din ressqet eccezzjoni li l-azzjoni fil-konfront taghha tinsab preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

L-attur qieghed isostni illi dan l-Artikolu ma japplikax izda li ghandhom japplikaw id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 2154 ta' l-istess Kodici billi d-dannu in kwistjoni jirrizulta minn att kriminali u ghalhekk tapplika l-preskrizzjoni naxxenti mill-Kodici Kriminali.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi fil-fatt il-kumpanija Vella Group Limited kienet qed taghmel xoghol ta' skavar f'din it-triq meta kien ghad ma kellhiex permess biex taghmel dan u fil-fatt mir-rapport li sar mill-pulizija wara li sehh l-incident, hemm indikat specifikatament li ser jittiehdu proceduri kriminali kontra John Mary Vella li huwa d-direttur tal-kumpanija in kwistjoni.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi fil-fatt l-att ta' skavar kien wiehed doluz u jibqa' biex jigi eliminat liema parti tal-Kodici Civili ghandu japplika fil-kaz odjern.

Dakinhar li kien qed isir it-thaffir in kwistjoni, dan kien qed isir volontarjament meta ma kienx ghad hemm permess billi l-permess kien jibda b'effett mis-7 ta' Settembru, mentri l-incident sehh fil-5 ta' Settembru. Mill-banda l-ohra pero', m'huwiex permissibbli li kif jinsab bhalissa li f'kazijiet simili jittiehdu proceduri kriminali kontra kumpanija limitata b'differenza ghal dak li jista' jsir (per ezempju fil-kamp li jirrigwarda l-ambjent taht id-direttivi l-

godda li hargu mill-Kumonjuni Ewropea) u ghalhekk wiehed ma jistax logikament jipprova jargumenta illi tapplika xi preskrizzjoni kriminali fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

It-Tribunal ghalhekk m'ghandux alternattiva hlief illi jadopera l-preskrizzjoni civili u cjoe' dik ta' l-Artikolu 2153, cjoe' danni rizultanti minn att ta' negligenza u konsegwentement, stante li ghaddew aktar minn sentejn minn meta sehh l-incident sa dakinhar li s-socjeta' konvenuta giet notifikata b'att gudizzjarju, fil-konfront taghha l-azzjoni tinsab preskritta.

B'danakollu, ma jfissirx li l-kawza tieqaf hemm. Id-direttur principali tal-kumpanija huwa l-konvenut proprju John Mary sive Jimmy Vella u fil-fatt, kif fuq imsemmi, l-pulizija rrakkomandaw li jittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu fil-vesti tieghu ta' direttur. Jirrizulta minghajr dubju illi kien hu li ta l-istruzzjonijiet sabiex isir l-iskavar u li x-xoghlijiet kienu qed isiru taht l-istruzzjonijiet specifici tieghu.

Solitament meta direttur jagixxi entro l-limiti tal-poteri *(objects and powers)* lilu vestiti fil-Memorandum u Articles of Association tas-socjeta', huwa jkun jista' jevita responsabbilta' personali u r-responsabbilta' ta' l-azzjonijiet in kwistjoni taqa' fuq is-socjeta'.

B'danakollu tajjeb li jigi mfakkar dak li hemm dispost fl-**Artikolu 136A ta' l-Att Dwar il-Kumpanija (Kap 386)**:

"136A. (1) A director of a company shall be bound to act honestly and in good faith in the best interests of the company.

(2) The directors of a company shall promote the well-being of the company and shall be responsible for:

(*a*) the general governance of the company and its proper administration and management; and

(*b*) the general supervision of its affairs.

(3) In particular, but without prejudice to any other duty assigned to the directors of a company, or to any one of them, by the memorandum or articles of association or by this Act or any other law, the directors of a company shall:

(*a*) be obliged to exercise the degree of care, diligence and skill which would be exercised by a reasonably diligent person having both –

(i) the knowledge, skill and experience that may reasonably be expected of a person carrying out the same functions as are carried out by or entrusted to that director in relation to the company; and

(ii) the knowledge, skill and experience that the director has;

(*b*) not make secret or personal profits from their position without the consent of the company, nor make personal gain from confidential company information;

(*c*) ensure that their personal interests do not conflict with the interests of the company;

(*d*) not use any property, information or opportunity of the company for their own or anyone else's benefit, nor obtain benefit in any other way in connection with the exercise of their powers, except with the consent of the company in general meeting or except as permitted by the company's memorandum or articles of association;

(*e*) exercise the powers they have for the purposes for which the powers were conferred and shall not misuse such powers."

F'dan il-kaz it-Tribunal jidhirlu li fil-vesti tieghu ta' direttur, il-konvenut ghandu jassumi responsabbilta' personali u ghandu jwiegeb ghad-danni rizultanti jekk jirrizulta li huwa jkun mar oltre dak li hemm stipulat fl-imsemmi Artikolu tal-ligi. *Inter alia*, jekk huwa jabbuza mill-poteri jew jekk ma juzax *"the degree of care, diligence and skill"* jew jekk ma jagixxix in buona fede jew onestament fl-ahjar interessi

tas-socjeta' jista' jsib ruhu f'sitwazzjoni li ghandu jaghmel tajjeb personalment.

Fil-kawza odjerna jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi:

i. Ix-xoghlijiet in kwistjoni saru fuq struzzjonijiet tal-konvenut.

ii. Illi sa dakinhar li bdew isiru x-xoghlijiet ma kienx inhareg il-permess li applika ghalih. Anzi l-permess kien jistipula li x-xoghlijiet jibdew fis-7 ta' Settembru mentri l-incident sehh fil-5 ta' Settembru.

iii. Illi fil-pozizzjoni tieghu l-konvenut kien jaf jew almenu kien mistenni li jkun jaf li ma kienx hemm permess ghax-xoghlijiet in kwistjoni.

iv. Huwa kien mistenni li jaccerta li fil-post fejn qed isiru x-xoghlijiet ikun *safe* u li mhux ser issir hsara fis-servizzi li hemm ghaddejjin taht it-triq u li l-haddiema tieghu ma jigux esposti ghall-periklu.

Illi ghalhekk, meta l-konvenut Vella ta l-istruzzjonijiet sabiex isiru x-xoghlijiet in kwistjoni huwa ma kienx qed juza *"the degree of care, diligence and skill which would be exercised by a reasonably diligent person"* u ghalkemm kellu l-poter li jaghti struzzjonijiet sabiex isiru xoghlijiet, stante l-premess, meta huwa wtilizza l-poteri lilu moghtija kien qed jabbuza minn tali poteri.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li l-agir tal-konvenut rendieh personalment responsabbli ghad-danni naxxenti mill-istruzzjonijiet minnu moghtija.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi:

i. Jiddikjara li l-azzjoni fil-konfront tal-kumpanija Vella Group Limited tinsab preskritta bl-ispejjez relattivi kontra l-korporazzjoni attrici.

ii. Jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut John Mary sive Jimmy Vella u jilqa' t-talba tal-

korporazzjoni attrici fil-konfront ta’ l-istess John Mary sive Jimmy Vella personalment u jikkundannah sabiex ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta’ sitt mija w erbghin lira Maltin (Lm640) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.”

Minn din is-sentenza appella l-konvenut John Mary Vella bl-aggravji li gejjin:-

(1) L-applikazzjoni li ghamel it-Tribunal tad-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-Kumpaniji ghall-fatti tal-kawza jikkostitwixxu applikazzjoni zbaljata tal-ligi;

(2) Ankorke kellu jinghad li l-agir tieghu kien bi ksur tad-dmirijiet tieghu, *qua* direttur, dawk id-dmirijiet li jippreciza l-Artikolu 136A tal-Kapitolu 386 jirrigwardaw ir-rapport intern bejnu u l-kumpanija u ma humiex applikabbli *vis-à-vis* terzi;

(3) Il-permess, o meno, ghax-xoghlijiet in kwestjoni huma rrilevanti in kwantu l-incident xorta wahda ma kienx jigi evitat. Ir-raguni sottomessa mill-appellanti f’ dan l-aggravju u fir-raba’ wiehed li jsegwih hu dak li l-Korporazzjoni attrici ma ghamlet ebda marki fuq is-sit fejn kienu intizi x-xoghlijiet u, ukoll, il-*cable* milqut ma kienx imqieghed kif suppost;

(4) It-Tribunal ma kellux jakkollah l-ispejjez kollha tal-kawza, komprizi dawk tas-socjeta` konvenuta mharrka;

Ghal dawk li huma l-fatti sostanzjali, ir-rizultanzi istruttorji jipprovdu dan il-kwadru:-

(1) Is-socjeta` konvenuta Vella Group Limited giet appaltata xoghlijiet ta’ *trenching* f’ diversi toroq f’ Hal Ghaxaq;

(2) Mill-ittra ta’ din il-kumpanija ta’ l-4 ta’ Settembru 2002 (fol. 42) jirrizulta li din kitbet lil diversi Awtoritajiet, fosthom lill-Korporazzjoni attrici, fejn informathom bl-appalt kommissjonat u biex dawn jibghatu

r-rapprezentanti taghhom ha jissenjalaw il-presenza ta' *cables*. Jigi notat illi f' din l-ittra ma avzathomx ukoll meta kien behsiebha tibda x-xoghlijiet;

(3) l-Awtorita` tat-Trasport, b' referenza ghall-applikazzjoni li l-kumpanija konvenuta ghamlitilha fil-5 ta' Settembru 2002, harget permess fit-8 ta' Ottubru 2002 ghax-xoghlijiet in kwestjoni (ara dokument a fol. 43), mentri d-Direttur Generali Works Division baghat javza lill-istess kumpanija b' ittra tad-19 ta' Settembru 2002 illi x-xoghlijiet ghandhom jinbdew fis-7 ta' Ottubru 2002 (ara kopja ta' din l-ittra a fol. 44);

(4) Gara li l-kumpanija konvenuta bdiet tezegwixxi l-appalt minn qabel id-data precitata, tant li fil-5 ta' Settembru 2002 sehh l-incident li fih intlaqghat *cable* tal-Korporazzjoni attrici. Ara xhieda u okkorrenza ta' PS 359 Carmelo Abdilla a fol. 27 u 28 tal-process;

(5) Fid-deposizzjoni tieghu l-appellanti (fol. 50) jghid li ma kienx hemm marki ezatt fejn sehh l-incident. Bil-kontra x-xhud Mark Camilleri, impjegat tas-socjeta` konvenuta, jghid li ma kienx ghadu sar l-immarkar fit-triq (ara deposizzjoni tieghu a fol. 30);

Fuq il-premessi fatti t-Tribunal sab li l-iskavar li sar kien att doluz billi ma kienx ghad hemm il-permessi necessarji biex isiru x-xoghlijiet, u gjaladarba kien l-appellanti li ta struzzjonijiet biex isir ix-xoghol, li sar mill-kumpanija konvenuta, huwa kellu jwiegeb personalment ghad-danni. It-Tribunal ibbaza dan ir-ragonament tieghu in bazi ghad-dmirijiet li l-Artikolu 136A tal-Kapitolu 386 jimponi fuq id-diretturi ta' kumpanija. Dan fis-sens illi l-appellant abbuza mill-poteri tieghu u ma adoperax "il-kura, diligenza u hila li jkunu ezercitati minn persuna ragonevolment diligenti" [Artikolu 136A (2) (a)]. Huwa dan ir-ragonament li l-appellanti jiccensura u jsostni li guridikament jiddifetta;

M’ hemmx dubju illi l-problematika hawn involuta tqieghed quddiem il-Qorti l-kwestjoni tar-responsabilita` li direttur ta’ kumpanija ghandu fir-rigward ta’ terzi;

Innegabilment, presuppost tar-responsabilita` huwa d-dannu mputabbli lill-kondotta tad-direttur li tincidi direttament fuq il-patrimonju tat-terz. L-att tieghu jista’ jkun wiehed kompjut fl-ezercizzju tal-funzjonijiet tieghu jew att illecitu, ossija komportament kolpuz, li jintegra l-vjolazzjoni ta’ l-obbligu tieghu, kemm dawk specifici inerenti mal-kariga, kemm dawk generali stabbiliti mill-Kodici Civili ghat-tutela tad-drittijiet ta’ terzi, li maghhom jinnegozja, jikkuntratta jew ikollu x’ jaqsam, anke fil-veste tieghu ta’ rapprezentant tal-kumpanija;

Hawnhekk si tratta minn vertenza ko-involgenti responsabilita` extra-kontrattwali tant li l-azzjoni hi wahda ghar-rizarciment tad-danni li l-Korporazzjoni attrici qed tippretendi li gew derivati lilha bhala konsegwenza ta’ l-imgieba, kolpuza jew doluza, ta’ l-appellant direttur, oltre dik tal-kumpanija konvenuta, ukoll citata. Ovvjament, azzjoni bhal din tirrientra f’ dik l-iskema tar-responsabilita` akwiljana u tippresupponi li d-danni gew kagjonati bhala konsegwenza immedjata ta’ l-imgieba ta’ l-appellant innifsu. Jikkonsegwi illi ghas-success ta’ l-azzjoni intentata irid jirrizulta il-lezjoni tad-dritt tat-terz u li dan ikun f’ rapport kawzali dirett ma’ l-att jew fatt tad-direttur appellant, anke jekk it-terz jista’, u ghandu, dritt ta’ azzjoni kontra s-socjeta` innifisha;

In effetti, in linea ta’ principju generali jinsab ritenut illi r-responsabilita` tas-socjeta` tikkumula ruhha ma’ dik tad-direttur. Ma hemmx dubju pero` illi f’ certi determinati sitwazzjonijet id-direttur huwa personalment responsabbli ghad-danni li jikkagonaw bl-agir delittwuz minnhom stess kommess. Dan anke jekk jippermetti jew jistruwixxi lil haddiehor fis-socjeta` biex iwettqu. Jinghad mill-**Palmer**, “**Company Law**”, 24th Edition, 1987 pp 970 *et sequitur* illi “*nevertheless, a director who, has authorised, directed*

*and procured the commission of a tort by his company may be personally liable to the victim of the tort even though he was not aware that the acts so authorised were tortuous or did not care whether the acts were tortuous or not*";

Din is-silta tinsab riprodotta fis-sentenza fl-ismijiet "**Victor Galea -vs- Marin J. Hili *nomine***", Qorti Civili, Prim' Awla, 1 ta' Ottubru 1996 per Imhallef Joseph Said Pullicino, liema sentenza kompliet tenuncja illi "f' kazijiet ta' din ix-xorta pero` r-responsabilita` tad-direttur personalment tista' ma tkunx esklussiva imma konkorrenti ma' dik tas-socjeta` minnu gestita li xorta tista' tkun hi wkoll responsabbli fil-konfront tat-terzi ta' danni konsegwenzjali ghall-agir delittwuz tad-direttur taghha";

Dan premess, l-appellanti jikkontendi illi ankorke kien hu li ta struzzjonijiet sabiex jinbdew ix-xoghlijiet minghajr ebda permess preventiv huwa ma jistax hlief ghamel dan fil-veste tieghu ta' direttur u allura ta' mandatarju jew agent tal-kumpanija. Dan l-argoment hu konsimili ghal dak sostenut mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tas-17 ta' Ottubru 1990, per Imhallef Carmelo Scicluna in re "**Carmelo *sive* Carol Puglisevich -vs- Joseph Oliver Ruggier *nomine***". Hawn ukoll gie ritenut illi "jekk kien hemm agir zbaljat tal-konvenut personalment dak l-agir tieghu bhala direttur huwa agir tal-kumpanija u hi kwindi din li ghandha tirrispondi ghal dak l-agir"; Tajjeb li jigi precizat pero` illi, bil-kontra tal-kaz prezenti, f' dak il-kaz d-direttur ma kienx imharrek personalment kif hekk inhu l-kaz hawnhekk di fronte ghall-appellanti;

Manifestament, ir-responsabilita` attribwita lill-appellanti, anke jekk invokabbli in bazi ghar-riskontru ta' l-inopportunita` tad-direttiva gestjonali tieghu fi hdan il-kumpanija, trid tigi ezaminata mhux biss fl-ambitu ta' l-obbligi tieghu fil-kumpanija imma di fronte wkoll ghall-Korporazzjoni attrici terza. Dan ghaliex jista' jaghti l-kaz illi l-istruzzjonijiet tieghu saru fl-interess u ghal vantagg tal-

kumpanija biex jithaffef ix-xoghol. Fl-istess waqt dan ma jeskludix pero` ir-riflessjoni l-ohra illi, anke meta ghamel dan, l-appellanti ttrasgredixxa mhux biss dik il-kura u diligenza fir-rigward tal-kumpanija li jsemmi l-artikolu specifiku tal-ligi specjali dwar il-Kumpaniji (Kapitolu 386) imma ukoll, di fronte ghat-terz, dik il-prudenza, diligenza u hsieb tal-missier tajjeb tal-familja skond id-dispost generali tal-Kodici Civili fl-Artikolu 1032 (1). Dan kemm jekk d-dannu arrekat twettaq fil-kors ta' l-ezercizzju ta' l-inkombenzi tieghu fil-kumpanija, kemm jekk 'il barra minnhom;

Fermi dawn il-konsiderazzjonjiiet din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha fuq il-provi ottenuti u korrettement valjati, tiddipartixxi mill-motivazzjoni tat-Tribunal fuq dan il-punt. L-ewwel zewg aggravji qeghdin jigu ghalhekk respinti;

Kwantu ghaz-zewg aggravji fil-mertu din il-Qorti ma tistax logikament taccetta l-proposizzjoni ta' l-appellanti ta' l-inevitabilita` ta' l-incident. Biex dan seta' jkun hekk il-kaz irid jirrizulta li l-avveniment kien wiehed improvviz li ma jikkonsenti ebda att iehor biex jigi evitat id-dannu u li fid-determinazzjoni ta' l-akkadut jitqies il-kawza unika li maghha hu rikollegat l-event dannuz. Huwa proprju dan li jirrivesti l-karattru baziku ta' l-inevitabilita` u ta' l-eccezzjonalita` u allura wkoll ta' imprevidibilita`. Meta pero` dan ikun precedut minn attivita` impropríja, li r-rizultat taghha huwa talment evidenti u immedjatament apprezzabbli minn kull bniedem ragonevoli, dik id-difiza ta' l-inevitabilita` tarresta ruhha u ma tistax isservi ta' liberazzjoni. Fi kliem iehor, jekk ikun hemm ommissjoni volontarja ta' dover u ta' diligenza u b' konsegwenza jigi vjolat id-dritt ta' haddiehor allura wiehed ma jistax jitkellem izjed fuq l-inevitabilita` imma fuq agir kolpuz u l-kwazi delitt. Ara **Kollez. Vol. XXIV P I p 172; Vol. XXX P II p 142**. F' dan il-kaz kien jinkombi bi dmir illi ma jinbdewx ix-xoghlijiet qabel ma jkunu ottenuti l-permessi necessarji u, fuq kollox, trattasi ta' skavar, li jkun hemm il-marki opportuni li jistabilixxu u jissenjalaw il-presenza tal-*cables* taht l-art. Ara f' dan is-sens id-decizjoni fl-ismijiet

“**Anthony Ventura *nomine* -vs- Raymond Galea *et***”, Appell, Sede Inferjuri, 31 ta’ Lulju 1996;

Huwa immaterjali, imbaghad, dak sostenut mill-appellant illi gjaladarba l-*cable* kien mirdum fil-konkos hu ma setax ikun jaf bih. Dan ghaliex b’ daqshekk ma jfisserx illi l-*cable* ma kienx sufficjentement u adegwatament protett. Il-fatt jibqa’ li t-thaffir sar meta ma kien ghad hemm ebda permess u ebda immarkar fuq il-post u dan igib li wiehed ghandu jbati l-konsegwenzi tan-negligenza tieghu. Sewwa gie osservat bhala principju generali illi l-effikacja ta’ l-inevitabilita` jew tal-kaz fortuwitu, bhala mezzi liberatorji mill-htija, jiccessaw meta l-avveniment ikun precedut minn dolo jew kulpa ta’ l-agent. Ara “**Ciantar -vs- Gatt**”, Appell Inferjuri, 15 ta’ Mejju 1926. Fil-kaz odjern, ghar-ragunijiet imsemmija, din il-kolpa kienet ukoll wahda kuxjenti. Anke dawn l-aggravji allura qed jigu respinti;

Il-Qorti pero` qed tilqa’ l-ahhar aggravju billi ma ssibx li hu ekwu li l-appellanti jbati l-ispejjez gudizzjarji tas-socjeta` konvenuta li giet mehlusa mir-responsabilita` ghar-raguni ta’ l-estinzjoni biz-zmien ta’ l-azzjoni kontra taghha ghab-bazi ta’ l-Artikolu 2153, Kapitolu 16, minnha invokat. Huwa xieraq illi gjaladarba l-azzjoni kienet preskritta fil-konfront taghha l-ispejjez relattivi ghandhom jitbatew mill-Korporazzjoni appellata li harrkitha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ limitatament l-aggravju lilha devolut dwar il-kap ta’ l-ispejjez u dan billi tordna li l-ispejjez tal-kawza ta’ l-ewwel istanza relattivi ghas-socjeta` konvenuta ghandhom jitbatew mill-Korporazzjoni appellata. Mill-kumplament is-sentenza appellata qed tigi konfermata u l-aggravji l-ohra rigettati bl-ispejjez ta’ din l-istanza u dawk quddiem it-Tribunal, salv kif xort’ ohra hawn indikat, jibqghu a karigu ta’ l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------